**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tas-Sittax (16) il-Laqgħa tal-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar, 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-7.20 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-7.26 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Cerpersin Raymond Bartolo | 7.15 p.m. | 9.42 p.m. |
| Viċi-Cerpersin Simone Aquilina | 7.16 p.m. | 9.42 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Peter Abela | 7.15 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Carmel Hili | 7.15 p.m. | 9.42 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Joseph Mario Hili | 7.15 p.m. | 9.42 p.m. |

Iċ-Ċerpersin mexxa l-laqgħa tal-Kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea ma attenditx għal-Laqgħa minħabba mpenji oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Qari tal-Minuti tal-Ħmistax (15) il-Laqgħa li nżammet fil-11 ta' Jannar, 2012**

Il-minuti tal-ħmistax il-Laqgħa tal-11 ta' Jannar, 2012 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati wara li saret emenda waħda f'*item* 10.00 billi inbidel l-ħin tal-għeluq tal-laqgħa u sar **"fit-8.30"** minflok **"fid-9.00".**

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-11 ta'Jannar, 2012**

2.01 **Dwar Item 2.01 – Kamra quddiem "Scotts Supermarket".**



Sindku / *Mayor*: Perit Graziella Galea BE & A (Hons) M.Sc (Road Eng), A.&C.E.
Segretarju Eżekuttiv / *Executive Secretary*: John J. Camilleri

Ġie deċiż li jiġi kkuntattjat is-Sur Nigel tal-Water Services u mistoqsi jekk din il-kamra hiex tal-Water Services u jekk tistax tiġi mneħħija.

2.02 **Dwar Item 2.02 – Laqgħa mal-Klabb tal-Futbol.**
Iċ-Ċerpersin qal li kienu għadhom għaddejjin kuntatti mal-avukat tal-Kunsill dwar il-ftehim mal-Klabb tal-Futbol.

2.03 **Dwar Item 2.04 – Ħitan Perikoluzi fit-Triq tal-Wardija.**
Iċ-Ċerpersin qal li TM ma kienux ser jagħmlu x-xogħol għax din mhix triq arterjali. MRRA issuġġerew li jiġi kkonsultat il-ġeoloġista Dr Saviour Scerri. Iċ-Ċerpersin informa wkoll li l-Kunsill kien lest li jgħin iżda talab li tiġi ppreżentata stima tax-xogħol involut u għalhekk huwa kien għamel appuntament mal-ġeoloġista.

2.04 **Dwar Item 2.07- *Traffic Management.***
Is-Sur Ray Bartolo qal li kienu saru żewġ laqgħat, waħda fl-uffiċini ta' TM u waħda fuq is-sit. Dwar il-proposta fi Triq Burmarrad, is-Sur Josie Brincat (TM) kien jaqbel fil-prinċipju li jsiru "*rumble strips*", "*beacons*" u "*speed limits*". Isiru ukoll is-sinjali "*choose lane*" fit-triq ta' taħt il-Knisja u "*keep clear*" quddiem il-ħanut tat-te. Il-pjanti reġgħu intbagħtu u kien qed jistenna appuntament mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto ta' TM. Huwa qal ukoll li quddiem Bonnici Brothers, il-Perit Testaferrata De Noto kienet qablet u faħħret il-proposta li ssir alterazzjoni fit-*Traffic Island* sabiex titnaqqas il-veloċita fis-sewqan. Ser tintalab pjanta mill-Perit tal-Kunsill biex tgħaddi għand TM.

2.05 **Dwar Item 2.08 – Twittija ta' triq bil-Konkos.**
Ir-resident għandu jagħmel programm meta jinġab il-konkos.

2.06 **Dwar Item 4.01 – Twessiegħ ta' Bankina fi Triq Burmarrad.**
TM qed jaraw jekk dan ix-xogħol jistax isir minn TM u b'hekk il-Kumitat jiffranka l-flus.

2.07 **Dwar Item 5.01 – Attivita' Festa Bdiewa.**
Is-Sur Ray Bartolo ikkomunika mas-Sur Zarb (MRRA) u ġew ibbukjati l-istalls u l-palk għal din l-attivita'.

2.08 **Dwar Item 6.01 - *Outdoor Gym.***
Sar ix-xogħol ta' twaħħil tat-tapit skont struzzjonijiet tal-Perit u nħareġ iċ-ċertifikat tal-Perit.

2.09 **Dwar Item 9.02- Proġett ta' Cross Borders.**
Is-Sur Bartolo qal li kien iċċekja dwar dan il-programm iżda ma kienx jidher li dan kien relevanti għal dan il-Kumitat Amministrattiv. Iċ-Cerpersin anke prova jsib kuntatti li iżda kollha rriżultaw fin-negattiv.

**3.00 Materji Finanzjarji.**

3.01 Saret referenza għall-allokazzjoni finanzjarja kif ikkomunikata mid-Dipartiment tal-Kunsilli iżda ma saritx diskussjoni dwar dan l-*Item*.

3.02 Sar qbil unanimu li jiġu allokati sa massimu ta 1,000 Euro ghall-kunċert tal-JP2 f'Burmarrad sabiex jsir il-palk, stampar u distribuzjoni ta' programm u inviti, kif ukoll xi bibita għall-partecipanti.

**4.00 Korrispondenza u Kommunikazzjonijiet.**

4.01 Saret referenza għall-kommunikazjoni tal-*Environment and Landscaping Consortium* dwar għotja ta' *Windowsill Pots* lill-Kunsill. Huwa qal li kienu saru 36 applikazjoni għal dawn il-*pots* minn residenti ta' Burmarrad u l-Wardija u dawn kienu ser jibdew jitqassmu.

**5.00 *Resurfacing* ta' Toroq.**

5.01 Iċ-Ċerpersin qal li kien hemm bżonn isir programm ta' kif għandha tintefaq is-somma allokata għal tiswija ta' toroq. Huwa qal li kien wasal iż-żmien li jsir aktar xogħol fit-toroq ta' Burmarrad. Dwar il-Wardija kien aħjar li tintalab l-għajnuna tal-Kunsill. Din l-għajnuna finanzjarja mill-Kunsill kienet meħtieġa anke sabiex isiru toroq f'Burmarrad għaliex l-allokazjoni ta' 30,000 Euro li għandu l-Kumitat ma kienux biżżejjed.

5.02 Iċ-Cerpersin fetaħ diskussjoni dwar il-ftuħ mill-ġdid ta' Wied il-Għasel sas-Salina. Ġie deċiż li jsir kuntatt ma' MRRA sabiex isiru diskussjonijiet mal-Ministru u jsir sforz sabiex jibda t-tindif ta' dan il-Wied li preżentament qed jikkawża għarar u ħsarat kemm lill-bdiewa infushom kif ukoll lit-triq.

**6.00 *Updates* fuq Progetti u Xogħolijiet.**

6.01 Iċ-Ċerpersin, is-Sur Raymond Bartolo informa li kienu saru l-maġġoranza ta' xogħolijiet kif kien ippjanat u kien jonqos biss li l-kuntrattur Adam Bugeja jagħmel xi xogħolijiet minuri.

**7.00 Law Enforcement f'Burmarrad/Wardija.**

7.01 Iċ-Ċerpersin, is-Sur Ray Bartolo qal li kien hemm bżonn ta' aktar infurzar tal-liġijiet tat-traffiku kemm f'Burmarrad u kemm fil-Wardija għaliex kien inutli li jsiru proġetti ta' *Traffic Management* jekk ma jsirx infurzar mill-Wardens u speċjalment mill-Pulizija.

Is-Sur Peter Abela qal kien hemm bżonn tinkiteb ittra lir-Reġjun tat-Tramuntana sabiex isir aktar *patroling* u infurzar f'dawn il-lokalitajiet. Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa mas-Superintendent tal-pulizija tal-Mosta dwar dan.

**8.00 Laqgħa Annwali tar-Residenti.**

8.01 Din il-Laqgħa għandha tiġi proposta għal nhar il-Ħadd, 18 ta' Marzu, 2012.

**9.00 Stqarrija ta' Ringrazjament lill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

9.01 Iċ-Ċerpersin qara ittra li huwa kien ipprepara sabiex tinqara waqt il-Laqgħa tal-Kunsill. Din ġiet approvata unanimament.

**10.00 Ħwejjeġ Oħra.**

10.01 Is-Sur Ray Bartolo qal li l-Kunsill kien ser jerġa jorganizza attivitajiet tal-Karnival u waħda mil-attivitajiet kienet ser issir f'Burmarrad. Huwa qal li kien hemm bżonn jitranġa l-arloġġ tal-pjazza, u jiġu kkuntatjati Transport Malta u Water Services dwar xogħol ta' dranaġġ u *resurfacing* ta' Sqaq ta' Ċampra. Iċ-Ċerpersin tenna li TM kienu ser jixtru 6 bankijiet għall-Main Road u li x-xogħolijiet fuq ir-*resurfacing* tal-*Main Road* ser isiru f'Marzu.

10.02 Is-Sinjura Simone Aquilina qalet li kien hemm bżonn ta' xogħlijiet ta' *patching* fil-Wardija.

10.03 Is-Sur Carmel Hili qal li l-bozza (tas-Sur Rodney) f'Wied Qannotta kienet għadha ma ġietx ikkonektjata. Iċ-Ċerpersin saħaq illi kien infurmat li l-Enemalta ser jixgħelu din il-bozza b'mod imminenti. Kien hemm bżonn ta' sinjal '*Dead End*' u mera fil-parti ta' fuq ta' Triq l-Insolja u jitnaddfu l-*guttters* tat-triq prinċipali ta' Burmarrad.

10.04 Saret diskussjoni dwar blokka tal-konkrit li tpoġġiet quddiem il-Knisja ta' Burmarrad bl-iskop li titwaħħal *Bill Board*. Iċ-Ċerpersin qal li din kienet inaċċettabli li ssir f'dan il-post u huwa kien ikkuntatja liż-żewġ partiti sabiex jindaga min minnhom kien responsabli għal din il-*Bill Board*. Filwaqt li tal-PN kienu qalu li din mhix tagħhom, ma kien hemm l-ebda risposta mingħand tal-PL iżda kien hemm indikazjoni li din kienet tal-PL. Iċ-Ċerpersin qal illi l-ebda Partit m'għandu dritt jgħatti l-faċċata tal-Knisja ta' Burmarrad, la PN u lanqas PL.

Is-Sur Carmel Hili qal li jekk kemm il-darba l-PL jintalbu jneħħu din il-blokka, ma kienx hemm garanzija li ma titpoġġiex oħra tal-PN minflokha u għalhekk għandha tintalab garanzija li ħadd ma jpoġġi xi *billboard* hemm.

Ma kienx hemm ftehim dwar dan u għalhekk iċ-Ċerpersin poġġa mozzjoni sabiex tinkiteb ittra lill-PL sabiex dawn ineħħu din il-blokka tal-konkrit. Is-Sinjura Aquilina issekondat il-mozzjoni. Saret votazzjoni bir-riżultat ta' 2 favur li tinkiteb l-ittra, vot kontra u astenzjoni waħda. Is-Sur Carmel Hili ivvota kontra waqt li s-Sur Joseph Hili astjena. Is-Sur Peter Abela ma kienx preżenti waqt il-votazzjoni.

Is-Sur Carmel Hili reġa' insista li tinkiteb ittra wkoll lill-PN sabiex jintalbu garanzija li ma jpoġġux *billboard* huma. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

**11.00 Tmiem tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.42 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar L-Erbgħa fil-21 ta' Marzu 2012, fis-sitta ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ***Ray Bartolo*** | ***John J. Camilleri*** |
| ***Cerpersin*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |